MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1577/2003

**Vassallo Builders Limited**

**vs**

**Charlie Cauchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Awissu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm552.00) rapprezentanti l-valur ta' 'provision charges' ghall-'erection of an independent structure  to be used for masonry works' fis-sit China House, Spinola, liema independent structure giet provduta lill-konvenut mis-socjeta' attrici bejn it-22 ta' Novembru 2002 u t-12 ta' Dicembru 2002, fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 12 ta’ Gunju 2003 u bl-imghax legali dekorribbli mit-12 ta’ Dicembru 2002 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Gabriella Vella in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm552.00). bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------